# Kawża C-70/09

## Alexander Hengartner u Rudolf Gasser

## vs

## Landesregierung Vorarlberg

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija))

"Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni — Kiri ta' art għall-kaċċa — Taxxa reġjonali — Kunċett ta' attività ekonomika — Prinċipju ta' trattament ugwali"


Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali N. Jääskinen, ippreżentati fl-20 ta' Mejju 2010 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 7235

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Lulju 2010 . . . . I - 7252


Sommarju tas-sentenza

1. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Servizzi — Kunċett*

2. *Ftehim internazzjonali — Ftehim KE-Svizzera dwar il-moviment liberu tal-persuni — Libertà li jiġu pprovduti servizzi*

   *(Ftehim KE-Svizzera dwar il-moviment liberu tal-persuni, Artikoli 1, 2 u 15 u Annessi I, II u III)*

1. Peress li l-obbligu kuntrattwali jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-partijiet, bi ħlas u taħt ċerti kundizzjonijet, ta' biċċa art li tinsab fi Stat Membru sabiex fuqha tiġi pprattikata l-kaċċa, il-kuntratt tal-kiri jirrigwarda provvista ta' servizzi. Barra minn hekk, huwa għandu karattru transkonfinali peress li l-kerrejja huma ċittadini Svizzeri. Tali kerrejja għandhom jiġu kkunsidrati bħala destinatarji ta' servizz, li jikkonsisti fl-għoti tat-tgawdija, bi ħlas, ta' liċenzja tal-kaċċa fl-imsemmi spazju territorjali u limitat fiż-żmien.

(ara l-punti 31-33)

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, ma jipprekludux illi ċittadin ta' waħda mill-partijiet kontraenti jkun suġġett, fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra, bħala destinatarju ta' servizzi, għal trattament differenti minn dak mogħti lill persuni li għandhom ir-residenza prinċipali tagħhom fl-imsemmi territorju, liċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll lill-persuni simili għalihom bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, fir-rigward tal-ġbir ta' taxxa dovuta għal prestazzjoni ta' servizzi, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' liċenzja tal-kaċċa.

Fil-fatt, jekk l-Artikolu 2 tal-Ftehim jirrigwarda l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, min-naħa l-oħra, huwa jipprojbixxi, b'mod ġenerali u assolut, mhux kull diskriminazzjoni taċ-ċittadini ta' waħda mill-partijiet kontraenti li jirrisjedu fit-territorju tal-parti l-oħra, iżda biss id-diskriminazzjonijiet abbażi taċ-ċittadinanza u sakemm is-sitwazzjoni ta' dawn iċ-ċittadini taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-dispożizzjonijiet tal-Annessi I sa III ta' dan il-Ftehim. Il-Ftehim u l-annessi tiegħu ma fihom l-ebda regola speċifika intiża sabiex d-destinatarji ta' servizzi jibbenefikaw mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli fiskali dwar tranżazzjonijiet kummerċjali li għandhom bħala suġġett provvista ta' servizzi. Barra minn hekk, peress li l-Konfederazzjoni Svizzera ma aderixxietx mas-suq intern tal-Komunità li huwa intiż sabiex ineħħi l-ostakli kollha għall-ħolqien ta' żona ta' moviment liberu simili għal dak offrut minn suq nazzjonali, li jinkludi, fost l-oħrajn, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment, l-interpretazzjoni mogħtija lid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni rigward dan is-suq intern ma tistax tiġi trasposta awtomatikament għall-interpretazzjoni tal-Ftehim, ħlief għal dispożizzjonijiet espliċiti f'dan is-sens previsti mill-Ftehim innifsu.

(ara l-punti 39-43 u d-dispożittiv)